# Parroċċa Qalb Bla Tebgħa Ta' Marija
# BURMARRAD



Tel: 21573045/ Fax:21578118
www. parroċċaburmarrad.com
email:kappillan@parroccaburmarrad.com



## LEĦEN IL-PARROĊĊA - Mejju 2011 - NRU. 344


Il-Paci Magħkom

Mejju xahar iddedikat lill-Madonna u r-rużarju. Il-Papa Gwanni Pawlu it-Tieni li fil-bidu ta' dan ix-xahar qegħdin niċċelebraw il-beatifikazzjoni tiegħu kien iħobb ħafna lil Marija Santissima u r-rużarju. Imma magħha huwa għaqqad lil Sidna Ġesu Kristu. Kien huwa li mal-Misteri tar-Ruzarju żied il-Misteri tad-Dawl. Mumenti oħra mill-ħajja ta' Sidna Ġesu' Kristu; mumenti li aħna msejħin ngħixu kull meta nirreċitaw ir-Rużarju. Inħeġġigkom biex dan ix-xahar it-talba tar-Ruzarju tkun priorita', għaliex waqt li aħna nkunu qegħdin ningħaqdu mal-Knisja universali, inkunu wkoll fl'istess ħin nieħdu sehem fil-Misteru hekk kbir ta' Kristu li ngħata għalina fuq is-salib biex jifdina mil-jasar li aħna konna fiħ.

Is-Salvazzjoni tal-bniedem bdiet mal-Iva ta' Marija Santissima meta hija quddiem l-Anġlu Ġabriel qalet il-kelma, *'Ikun Minni Skont Kelmtek'*. Hija qofol ta' kollox għaliex kull wieħed u waħda minnha issa nistgħu ngħixu ħajja aħjar, b'mod iżjed ħieles. Il-poplu Lhudi fl'Egittu kien fil-jasar u mal-ħarġa tiegħu mill-Egittu huwa beda' jersaq lejn il-ħelsien. Il-ħelsien tagħna huwa mal-mument li Ġesu' qam mill-Imwiet, meta rebaħ fuq il-Mewt, fuq ix-xitan dak lil lilna ħafna drabi iddaħħalna fil-jasar. Imma għandna lil Ġesu li jagħamel minn kollox biex aħna nerġgħu noħorġu minnu. Dan jista' jseħħ permezz tal-Ħniena Divina tiegħu, għaliex Ġesu' huwa purament imħabba, qatt ma naraw lil Ġesu' iċanfar lil xi ħadd, imma Ġesu fil-ħajja pubblika tiegħu dejjem fittex biex jagħmel il-ġid lil dawk ta' madwaru, mhux biss imma għamel il-ġid lil dawk li l-iżjed għamlulu ħsara. Jiena minn naħa tiegħi qiegħed nipprova nagħmel il-ġid f'ħajti jew meta jiena naqla fuq wiċċi nirribella u nagħmel il-kuntrarju. Hekk għamel Ġesu'! Qiegħed – qiegħda tieħu eżempju Minnu jew tiġi taqa' u tqum minn dak li Huwa għamel għalik! Ġesu' minn fuq is-salib lil Ġwanni qallu:

‘*Hemm hija Ommok’*, ta lil Ommu lill-umanita’ kollha biex tkun l-Omm tagħna, ma żammiex għalih biss imma ried jaqsam magħna bnedmin ukoll l-Omm għażiża tiegħu, x’jista’ jagħmel iżjed minn hekk, tana kollox. Jien fil-ħajja tiegħi x’qiegħed nagħmel għal oħrajn, qiegħed – qiegħda taqsam dak li Alla tak mal-oħrajn, it-talenti, id-doni, li Alla tak jew qed iżżomm kollox għalik biss. Ħafna drabi aħna fina jirrenja l-egoismu, irridu li kollox jibqa' għalina biss u alla ħares xi ħadd jgħidilna biex naqsmu miegħu xi talent li aħna ikollna. Jew bil-kuntrarju jekk xi ħ add jgħidilna biex jgħina ngħidu 'le' għaliex irridu li inkunu aħna li nagħ mlu ix-xogħol allavolja ingergru li għandna ħafna x’nagħmlu imma bnedmin aħna, u fejn tidħol l-umanita’ tal-bniedem, ma inħallux lil Alla imexxina Hu, ma ngħarfux li għandna inħallu lil ta’ madwarna ikunu parti mil-pjan ta’ Alla għalina.

Marija Santissima imma tgħallimna li ma għandux ikun hekk għ aliex hija stess lil Binha ma zammitux għalija imma tagħtu għall-umanita’ kollha. Dan huwa sens fil-ħajja tagħna li aħnak nkunu umli kif kienet Marija u fl’ aħħar mill-aħħar kif kien Sidna Ġesu Kristu innifsu. Dan kollu għaliex Huwa jħobbna u jridilna kull imħabba u ħniena tiegħu. Tkunu imberkin.

P. Donald. M. Bellizzi OFM. Conv - Kappillan



# Ħsieb Spiritwali

## *Fejn hu Alla?*

Fil-11 ta' Settembru 2001 saru l-attakki terroristici fuq l-Amerka. Ix-xeni kienu tal-wahx. L-Amerka thezzet u d-dinja ssummat. Bir-ragun kollu, hafna bdew jistaqsu: Fejn hu Alla? Anne Graham, evangelista Amerikana, rrispondiet hekk: *"Alla huwa rrabjat u mdejjaq jara dawn l-affarijiet jigru. Imma rridu nghidu wkoll li ghal hafna snin ahna l-Amerikani ghaqqadna l-ponn taghna kontra Alla u ghidnielu - 'Alla, itlaq 'il barra mill-iskejjel taghna, mill-gvern taghna, minn negozju taghna'. U Alla, li Hu prudenti u jhallina liberi, warrab bil-kwiet mill-hajja nazzjonali u politika taghna l-Amerikani. Warrab u nehha wkoll l-Id li kienet tberikna u tipprotegina. Hemm bzonn l-ewwel induru lejn Alla u nitolbuh mahfra li ttrattajnieh b'dan il-mod, u nergghu nistednuh jidhol f'hajjitna. Nghidulu li se nergghu nibdew nafdaw fih."*

Wara l-attakki fuq l-Amerka u hafna sparaturi li kien hemm fl-iskejjel, xi hadd m'hux maghruf kiteb hekk:

- L-ewwel bdejna f'dik il-mara li ma rieditx taccetta li jsir it-talb fl-iskejjel fl-Amerka, u ahna l-poplu Amerikan ghidna OK, ahjar hekk halli ma noffendu lil hadd.

- Imbaghad xi haddiehor qal li ahjar ma naqrawx il-Bibbja fl-iskejjel….(il-Bibbja li tghidilna toqtolx, tisraqx, ahfer u hobb lill-ghadu tieghek)….u ahna ghidna OK.

- Wara qalulna biex noqghodu hafna attenti kif nikkoregu u niddixxiplinaw lil uliedna meta jgibu ruhhom hazin, ma mmorrux inbaxxulhom l-istima taghhom infushom. U ahna ghidna OK.

- Xi haddiehor qal ejjew inhallu lil bniet taghna jaghmlu l-abort jekk hekk jiddeciedu, ghax ghandhom dritt jaghzlu huma, u m'hemmx ghalfejn ikunu jafu l-ginituri taghhom…u ghidna OK.

- Hareg iehor gharef u qalilna li s-subien huma subien u ma tistax tikkontrollahom, mela ejjew naghtuhom il-condoms halli jaghmlu s-sess protett kemm iridu, u m'hemmx ghalfejn ikunu jafu l-ginituri li gabuhom mill-iskola…u ghidna OK.
  Xi dritt ghandi jien nimponi l-valuri tieghi fuq haddiehor?

- ❖ Imbaghad xi politici hargu jghidu li m'hu fl-interess ta' hadd xi nhawdu fil-hajja privata, l-aqwa li naghmlu xogholna. U qbilna maghhom, li tfisser li l-President mela jaghmel li jrid fil-hajja privata tieghu, l-aqwa li jien ghandi l-job u l-ekonomija miexja.

- ❖ Bdew ukoll istampaw stampi ta' nisa gharwenin u sejjhulha apprezzament ta' gmiel il-gisem tal-mara. U ahna ghidna veru.

- ❖ Xi hadd iehor fettillu jzid ma' dan l-apprezzament u ppublika ritratti ta' tfal gharwenin u tefaghhom anki fuq l-internet…u ghidna OK, kulhadd liberu li jara li jrid. Jekk int ma tridx, tarax u taqrax. Imma hadd m'ghandu dritt jikkmanda lil hadd.

- ❖ Imbaghad bdew hergin films mimlija vjolenza, sess bla razan, adulterji. U hargu diski li jinkoraggixxu l-istupru, id-drogi, il-qtil, is-suwicidju u temi satanici. U ahna ghidna b'daqshekk, dan divertiment, x'hemm hazin. Min ma jridx, ma jarax u ma jismax.

Issa qeghdin nistaqsu lilna nfusna ghaliex uliedna m'ghandhomx kuxjenza, ghaliex ma jafux jaghzlu bejn it-tajjeb u l-hazin, u ghaliex ma jahsbuhiex darbtejn biex jisparaw fuq shabhom tal-klassi u sahansitra fuqhom infushom.

**Qeghdin inhawdu.** Lil Alla nghidulu **– *Hu pacenzja, oqghod hemm bi kwietek, niddeciedu ahna. Mhux imbilli tghid il-Knisja, illum trid tkun prattiku ghax iz-zminijiet inbidlu* -** Imbaghad nistaghgbu kif id-dinja saret infern shih. Nemmnu dak kollu li naqraw fuq il-gazzetti u li nisimghu fuq ir-radju, u mbaghad niddubitaw dak li Alla jghidilna fil-Bibbja ghall-gid taghna.

## TITQARRQUX. Alla ma jidhak biH hadd. Dak li bniedem jizra', dak huwa jahsad. *Galatin 6:7*

**Min jizra' l-gizimin, jahsad il-gizimin. Min jizra' x-xewk, jahsad ix-xewk. Ix-xitan ghandu zarbun li ma jzaqzaqx. Huwa jidhol fin fin f'hajjitna personali u familjari, u fil-hajja politika u nazzjonali taghna. U jaghmel herba. U ahna lanqas biss inxommuh. Hlief meta jkun tard wisq!**

# Kalendarju Mejju

**Il-Ħamis 5:** Adorazzjoni fis-Seminarju tal-Virtu'

**Is-Sibt 7**: Fis-6.00pm adorazzjoni fil-Parroċċa b'riparazzjoni għall-offizi li jsiru lill-Qalb ta' Ġesu' u l-Qalb ta' Marija.

**Il-Ħadd 8**: Jum l-Omm. Il-Quddiesa tat-8.30am tkun għall-Ommijiet kollha.

**L-Erbgħa 11**: Quddiesa u Breakfast fit-Topaz. Tluq fid-9.00. Prezz €10 u bit-transport €12.

**Il-Ġimgħa. is-Sibt u l-Ħadd 13, 14, 15**: Fiera tal-ktieb bi preparazzjoni għall-ftuh tal-librerija. Din ser tkun fiċ-ċentru pastorali imtellgħa mil-kummisjoni tfal tal-parroċċa

**Il-Gimgħa 13**: Laqgħa fis-7.15pm fiċ-ċentru parrokjali għall-ġenituri tat-tfal li ser jagħmlu l-preċett din is-sena.

**Is-Sibt 14:** Quddiesa għat-tfal fid-9.30am fil-Knisja. Din hija speċjalment għat-tfal li ser jagħmlu l-Ewwel Tqarbina u hija bi preparazzjoni għal-preċett . Inħeġġeg lill-ġenituri biex igibu tfal.

**Il-Ħadd 15**: Jum il-Vokazzjonijiet u Jum il-Familja.

**L-Erbgħa 18**: Ġurnata Catania.

**Il-Ġimgħa 20:** Laqgħa għall-ġenituri fis-7.15 fiċ-ċentru pastorali li t-tfal tagħhom sejrin jagħmlu l-Ewwel Tqarbina din is-sena.

**Is-Sibt u l-Ħadd 14 – 15 ta' Mejju Bazaar**

**Is-Sibt 21**: Nofs ta' nhar irtir għat-tfal li ser jagħmlu l-Ewwel Tqarbina. Dan sejjer issir fil-kappella tal-Lunzjata ġewwa s-Salina. Il-ħin huwa fid-9.00am.

**It-Tlieta 31:** Adorazzjoni tal-Ħniena Divina fil-Knisja fis-6.00pm. L-ewwel ikun hemm ir-ruzarju u wara tibda l-adorazzjoni.
Fix-Xahar ta' Mejju kull nhar ta' Gimgħa filgħaxija il-Leġjun ta' Marija qed jorganizza Ruzarju fit-triq Manwel Bonnici fl-4.30 pm.

FORMAZZJONI TAGĦNA U TA' ULIEDNA

# *Jien u d-divorzju!*

Naħseb s'issa kull min qed jaqra dawn il-kelmtejn ħaseb sewwa fuq dak li qed jingħad u jiġi argumentat fl-argumenti ta' favur u kontra d-divorzju. Nistgħu ngħidu illi ġejna bbumbardjati mill-Media, bl-argumenti taż-żewġ naħat jiġu repetuti għal darba, darbtejn, tlieta...sakemm wasalna f'punt illi nkunu nafu l-persuna partikulari x'ser tgħid qabel ma tiftaħ ħalqha!

Imma issa dalwaqt jasal il-veru żmien ta' prova għalina – ser jasal il-mument tal-verita' – il-mument tad-deċiżjoni. U tajjeb illi nirriflettu ftit dwar dak li se jwassalna għad-deċiżjoni tagħna. Id-deċiżjoni tagħna rridu neħduha bħala ċittadini responsabbli, iżda ma nistgħux ninsew illi aħna wkoll <u>**insara.**</u> Issa rridu tassew nuru illi aħna maħniex biss baħrin tal-bnazzi. Irridu nuru illi quddiem deċiżjoni iebsa bħal din aħna lesti nkunu individwi ta' sinsla u bil-vot tagħna ngħaddu messaġġ illi aħna maħniex insara ta' nhar ta' Ħadd!

Jista' jkun illi uħud minnha għandhom familjari u ħbieb illi bid-dħul tad -divorzju jkunu jistgħu jerġgħu jiżżewġu. Għalkemm ma jistgħu jer ġgħu jiżżewġu qatt bil-knisja, jista' jkun illi nħossu għalihom u b'hekk nixtiequ nuru solidarjeta' magħhom u ngħinuhom billi nivvutaw 'iva' għad-divorzju. Iżda dan ikun ifisser li qed nagħmlu kompromess ma' dak li qal Ġesu meta ċar u tond qal:

## "Dak li għaqqad Alla m'għandux jifirdu l-bniedem"!

U għalhekk m'hemmx tidwir mal-lewża – jekk aħna rridu nkunu nsara attivi l-għażla hija waħda ċara. Ovjament ma nistgħux niġġudikaw lil dawk il-persuni li ser jivvutaw 'iva' għad-divorzju, u lanqas ma jfisser illi dawn se jkunu qed jagħmlu xi ħaġa ħażina jekk id-deċiżjoni tagħhom hija gwidata mill-kuxjenza iffurmata tagħhom. Iżda kif narha jien jekk aħna rridu nkomplu nipprattikaw ir-reliġjon tagħna fil-Knisja Kattolika m'għandux ikollna dubju dwar il-vot tagħna.

Tajjeb ukoll illi nirriflettu ftit dwar kif din id-diskussjoni qed taffettwa lil uliedna. Dan huwa mument fejn uliedna (anki jekk ta' eta' relattivament żgħira), qed jisimgħu persuni diversi, kemm fuq il-media, kif ukoll fid-djar tagħna, fl-iskejjel u f'kuntesti soċjali oħra jiddiskutu dwar id-divorzju. Ma ninsewx illi moħħ it-tfal hu bħal sponża.

Ma ninsewx illi moħħ it-tfal hu bħal sponża – dawn jixorbu kollox u dak li jisimgħu jinfluwenzhom. Ftit tal-jiem ilu kont qegħda ma' grupp ta' żgħażagħ u waħda minn dawn iż-żgħażagħ qalet illi l-ġenituri tagħha mhux se jivvutaw f'dan ir-referendum għax minn banda jaqblu mad-divorzju u mill-banda l-oħra ma jaqblux!

Kont sorpriża b'dan li qalet din it-tfajla għax naf illi l-familja tagħha hija familja Kattolika prattikanti. F'dan il-mument irrejalizzajt illi l-media kienet għamlet xogħolha – irnexxielha tilgħab bl-emozzjonijiet tan-nies u gerfxet ukoll insara tajbin bħal ma huma l-ġenituri ta' din it-tfajla, billi ġegħlithom jaħsbu illi jekk jivvutaw 'le' għad-divorzju qed ikunu egoisti, mhumiex jaħsbu f'dawk l-individwi li ż-żwieġ tagħhom ma ħadimx. U uliedna qegħdin magħna jixorbu dan kollu.

Għalija l-għażla hija waħda – x'messaġġ ser ngħaddulhom lil uliedna? Messaġġ illi aħna nsara ta' nofs kedda? Jew messaġġ illi aħna tassew konvinti mill-fidi tagħna, messaġġ illi fil-ħajja hemm ċertu ħwejjeġ illi ma jistax ikun hemm kompromess dwarhom? Messaġġ illi li tkun nisrani mhux dejjem ifisser li tkun komdu imma hemm drabi meta dan ifisser għażliet serji u diffiċli. Aħna ser inkunu nsara ta' sinsla, jew insara tal-isem? F'idejna........



Daniella Zerafa

**IL-KUMMISSJONI TFAL FLIMKIEN**
**MAL-KAPPILLAN P.DONALD M.BELLIZZI**
**JIXTIEQU JISTIEDNUKOM**
**GĦALL-FIERA TAL-KTIEB LI SER ISSIR DAN IX-XAHAR**
**FIĊ-ĊENTRU PARROKKJALI SANT ANTNIN**
**FEJN FIHA SER IKUN HEMM KOTBA ĠODDA U AD-DATTATI GĦAL KULĦADD .**
**GĦALHEKK INĦEĠĠUKOM BIEX TIĠU U TIXTRU MINN DIN IL-FIERA U B'HEKK TKUNU QEGĦDIN TGĦINU BIEX TINBEDA L-LIBRERIJA TAL-ISTESS ĊENTRU.**
**JEKK INTI TRID TISTA' TISPONSORJA KTIEB BILLI TIXTRI KTIEB U TĦALLIH GĦAL-LIBRERIJA U JEKK TRID JITNIZZEL ISEM ID-DONATUR FUQ ĠEWWA TAL-KTIEB.**
**EJJEW U GĦINU DIN L-INZJATTIVA GĦALL-ĠID TAL-PARROĊĊA.**

**DATA : Ġimgħa 13 ta' Mejju mis-6pm 'il quddiem**
**Sibt 14 ta' Mejju mill-10am 'il quddiem**
**Hadd 15 ta' Mejju mill-10am 'il quddiem**

